MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-22 ta' Frar, 2006

Rikors Numru. 87/2005/1

**Rikors Nru: 87/2005**

**Rose Ellul Sullivan (ID:635525M)**

**-vs-**

**Anna Costigan (ID:26440M)**

Il- Bord,

Ra r- riokors ta’ Rose Ellul Sullivan:

Illi hija tikri lill- intimata l- fond residenzjali 10/11, Braille Street, Santa Venera versu l- kumpens ta’ erbghin lira Maltin (Lm 40) fis- sena kwantu ghal- sitta u tletin lira Maltin (Lm36) u erba’ liri Maltin (Lm 4) onorarju li jithallsu kull sena bil- quddiem u l- iskadenza li tmiss tghalaq fl- 1 ta’ Jannar 2006.

Illi l- intimata m’ ghadiex tirrisjedi fil- fond in kwistjoni u qeghda tirrisjedi fil- fond 42, ‘Four Graces’, Triq il- Qarsajja, Attard u ghalhekk ma zammitx mal- kondizzjonijiet tal- kirja u inoltre, m’ hijiex qieghda tuza’ l- fond ghall- iskop li ghalih gie mikri.

Ghaldaqstant, l- esponenti titlob bir- rispett lid an il- Bord joghgbu jawtorizzhom jirriprendu l- pusses tal- fond fuq imsemmi u konsegwentement tordna l- izgumbrament tal- intimata fi zmien qasir u perentorju li jigi hekk lilha prefiss.

Ra n- nota maghmula mill- partijiet prezentata f’ din is- seduta u l- ghada taghmel parti shiha minn din is- sentenza.

Ghalhekk jilqa’ t- talba tar- rikorrenti u jawtorizzaha tiehu f’ idejha l- fond 10/11, Triq Braille, Santa Venera; ghal ghan ta’ tkeccija jaghti sat- 30 ta’ April 2006; spejjez bla taxxa bejn il- partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------